VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 8 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 365 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru, 2016 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) (i) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru,
sakemm li jekk student jeħel f'żewġ terzi jew aktar mill-assenjamenti assoċjati mad-*Design Workshops* li jsiru fl-ewwel sena ta' studji, u li jikkorrispondu ma' xogħol li jsir matul porżjon sinifikanti tas-sena akkademika, il-Bord jista' jiddeċiedi li valutazzjoni mill-ġdid matul is-sessjoni supplimentari ta' Settembru ta' wara ma tkunx għażla vijabbli għall-istudent, u jista' jitlob lill-istudent jissottometti mill-ġdid l-assenjamenti li weħel fihom matul sena addizzjonali, qabel ma jkompli għat-tieni sena ta' studji; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) L-istudenti fit-tieni sena tal-Kors għandhom jingħataw biss l-opportunità li joqgħodu mill-ġdid għall-valutazzjonijiet ta' taqsimiet studju mgħallma ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafi (1) sa (3) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) sa (5).

5. Il-paragrafi (1) u (2) li ġejjin għandhom jidħlu qabel il-paragrafu (3) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali:

"8. (1) Il-*Final Project Workshop* għandu l-istess status ta' dissertazzjoni kif definita fir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad. Il-valutazzjoni tal-*Final Project Workshop* għandha tkun ukoll kif definita fil-Proċeduri għall-Bordijiet tal-Eżaminaturi għad-dissertazzjonijiet tal-Master (assenjati anqas minn 60 krettu ECTS) approvati mis-Senat.

(2) Il-Bord tal-Eżaminaturi għall-*Final Project Workshop* għandu jkun magħmul minn għall-anqas seba' membri inkluż id-Dekan bħala *Chairman* u nklużi l-membri tal-istaff b'kompetenza fil-dixxiplini rilevanti mat-tema tal-*Final Project Workshop*, kif approvat mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

6. Il-paragrafi (3) u (4) li ġejjien għandhom jidħlu wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Il-valutazzjoni tad-dissertazzjoni għandha tinkludi eżami orali. Il-proċess tal-valutazzjoni tad-dissertazzjoni għandu jkun kif definit fil-Proċeduri għall-Bordijiet tal-Eżaminaturi għad-dissertazzjonijiet tal-Master (assenjati anqas minn 60 krettu ECTS), approvati mis-Senat.

(4) Il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul għall-anqas minn erba' membri, inkluż iċ-*Chairman* u s-superviżur, kif approvat mis-Senat, sakemm li f'każijiet fejn il-Kap tad-Dipartiment huwa wkoll is-superviżur, dan ma jistax ikun *chairman* iżda membru ieħor għandu jiġi hekk maħtur; f'każijiet fejn il-Bord iqis xieraq, persuna oħra minflok il-Kap tad-Dipartiment tista' tinħatar bħala *chairman*."

Iż-Żieda tal-ordinamenti 12 u 13 mal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinamenti 12 u 13 li ġejjin għandhom jidħlu wara l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"12. Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għandu jkun magħmul għall-anqas minn seba' membri, inkluż id-Dekan, jew delegat, bħala *Chairman*, maħtur mill-Bord. Il-proċeduri tal-klassifikazzjoni għandhom xorta jikkonformaw mar-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

13. Eżaminatur Barrani Mistieden għandu jkun maħtur biex jirrevedi l-komponent mgħallem tal-Kors kif ukoll il-*Final Project Workshop* u d-dissertazzjoni, skont il-proċeduri applikabbli."